# Madonna Ta' Pinu

Sena XXXV Vol XIV Nru. 168 Jannar - Marzu 2014



## 175 Sena mit-Twelid ta' Karmni Grima



Rivista maħruġa mis-Santwarju Ta' Pinu - Għawdex

**Madonna Ta' Pinu**
Perjodiku ta' kull tliet xhur

**Sena XXXV Vol XIV Nru. 168**
**Jannar - Marzu 2014**

**Bord Editorjali:** Dun Gerard Buhagiar (*Editur*), Dun Mikiel Galea, Francesco Pio Attard, Ivan Attard, Edward Depasquale.

*Il-fehmiet li jistqarru l-kittieba m'humiex neċessarjament dawk tal-Bord Editorjali*

**Kull korrispondenza għandha tintbagħat hekk:**
*L-Editur, "Madonna ta' Pinu"*
*Ċentru Kulturali Marjan, Ta' Pinu, Għarb*
*Gozo GRB 1704, MALTA.*
*Tel: 2155 6187  Fax: 2156 2350*
*E-mail: tapinupublications@tapinu.org*

**Abbonament għas-sena 2014:**

| | |
|---|---|
| *Lokali* | € 8.00 |
| *Ewropa* | € 16.00 |
| *Barra mill-Ewropa* | € 20.00 |
| *Sostenitur* | Offerta Libera |

**Tinsiex iġġedded l-Abbonament għas-sena 2014**



**Ritratti tal-Qoxra**
***Quddiem:*** *Ritratt ta' Karmni Grima*
(Ritratt: Arkivju Parroċċa Għarb)

***Wara:*** Via Sagra fuq l-Għolja ta' Għammar

***Ritratti***
*Arkivju Rit. Santwarju Ta' Pinu, Centro Aletti, Osservatore Romano, Daniel Cilia, Joseph Xuereb.*

**stampar:** jdbprinting - tel: 2155 2219

© Copyright Ta' Pinu Publications 2013
*L-ebda parti minn artiklu jew ritratt, li jidhru fuq din ir-rivista ma jistgħu jiġu ppubblikati mingħajr il-permess bil-miktub tal-Bord Editorjali.*

## *F'din il-Ħarġa...*

**1** Il-Kelma tar-Rettur *"Post sabiħ ta' paċi u qdusija"*

**FTUĦ TAL-MUŻEW**
***DAR KARMNI GRIMA***

**3** Diskors mir-Rettur tas-Santwarju

**5** Karmni Grima veru semgħet lill-Madonna?

**7** Niskopru turiżmu kulturali u reliġjuż f'Għawdex

**10** Diskors dwar il-pitturi ta' Ġużeppi Briffa

**12** "Ninvestu fil-gżira Għawdxija"

**13** "Gvern impenjat li jippromovi t-turiżmu reliġjuż lejn Għawdex"

**14** Messaġġ tal-Isqof ta' Għawdex

**16** Rapport fil-qosor dwar ix-xogħol ta' restawr li sar fuq Dar Karmni Grima

**21** Il-bijografija ta' Karmni Grima ppubblikata f'edizzjoni riveduta

**22** Timbru Speċjali mill-MaltaPost u Kartolina ta' Tifkira

**23** Marija fil-Mużika

**26** Mill-Ħajja tas-Santwarju

**32** Il-Ġimgħa Mqaddsa fis-Santwarju Ta' Pinu

**33** L-Għanja tal-Qaddejja Il-21 parti

**35** Grazzi, Omm tiegħi tas-Sema...

**36** Preżentazzjonijiet tat-Tfal

***Intenzjoni ta' din il-Ħarġa***



**Biex dawk li jżuru Dar Karmni Grima jikbru aktar fl-imħabba tagħhom lejn il-Madonna Ta' Pinu**




# "Post sabiħ ta' paċi u qdusija"

Naħseb ħafna huma dawk li semgħu bl-aħbar li l-gżira ta' Għawdex ġiet magħżula mis-sit elettroniku *Tripadvisor.com* bħala t-tielet l-isbaħ gżira fl-Ewropa. Bosta kienu dawk il-persuni li qaluli b'dan is-sit elettroniku u għalhekk dħalt infittex ftit il-kummenti li ħallew xi wħud li żaru l-gżira ċkejkna tagħna. Fost il-kummenti sbieħ li sibt kien hemm dawk dwar is-Santwarju għażiż tal-Madonna Ta' Pinu: li sibt komuni f'dawn il-kummenti kien li l-parti l-kbira ta' dawk li kitbu dwar is-Santwarju Ta' Pinu kollha jiddeskrivuh bħala post sabiħ fejn wieħed isib il-paċi, post ta' serħan, post qaddis li jgħinek titkellem ma' Alla. Saħansitra kien hemm persuni li ma jemmnux li stqarru li f'dan is-Santwarju rnexxielhom jitolbu u dmugħ ta' ferħ ġewwieni ġelben ma' ħaddejhom.

Jiena naħseb li hawn għal darb'oħra tidher l-id moħbija tal-Madonna li minn dan il-post li hija stess għażlet għadha ssemma' leħinha u tistieden lil kull bniedem biex jersaq għandha, ħalli minnha jkun jista' jirċievi lil Ġesù u l-paċi tiegħu. Imma daqshekk ieħor nemmen li mhux biss aħna s-saċerdoti li għandna x-xorti nservu f'dak il-post qaddis, iżda kull min isejjaħ lilu nnifsu iben Marija, kollha għandna r-responsabbiltà ċkejkna jew kbira li naħdmu bil-ħila u l-ħeġġa kollha tagħna biex is-Santwarju Ta' Pinu jkompli jsir post ta' serħan għal kull min iżuru, jemmen jew ma





jemminx! Il-Madonna hija Omm il-bnedmin kollha u għalhekk anki aħna li nistqarru li nħobbuha jeħtieġ li naħdmu b'kull mezz biex oħrajn jagħmlu l-esperjenza tal-paċi u serħan fi ħdanha.

Din l-ewwel ħarġa tas-sena qed niddedikawha kważi kollha kemm hi lir-restawr li sar fuq id-Dar li fiha twieldet, għexet u mietet Karmni Grima, ix-xebba li semgħet il-leħen tal-Madonna Ta' Pinu; minn dakinhar 'il quddiem Ommna tas-Sema qatt ma waqfet mis-sejħa tagħha, għax dak li qalet lil Karmni Grima nhar it-22 ta' Ġunju 1883, għadha ttennih illum: "Ejja, ejja, ejja...". Għalhekk prinċipalment f'dawn l-aħħar snin dħalna għax-xogħol ta' restawr fuq din id-Dar, mhux biss għax ngħożżu dan is-sit storiku, iżda għaliex nemmnu li anki din id-Dar ta' Karmni għandha messaġġ speċjali għal dawk kollha li jidħlu fiha.

Dan mhux biżżejjed! Jeħtieġ li nkomplu naħdmu biex nirranġaw l-ambjent li fih jinsab is-Santwarju Ta' Pinu, hekk li kull pellegrin jew turista jħossu milqugħ u ngħinuh jinġabar fis-skiet. Dan ix-xogħol ta' rikostruzzjoni għadu kemm beda, proġett li ser ikun maqsum f'diversi fażijiet li jsiru bil-mod il-mod. Fost l-affarijiet li ser isiru hemm **Parkeġġ**, li x-xogħol fuqu beda; **Ċentru għall-Viżitaturi**; jittranġa z-**Zuntier**, li fuqu ser ikun hemm **il-Misteri tar-Rużarju** u jiżdiedu xi kmamar ma' dawk diġà eżistenti biex issir **Dar tal-Irtiri**; kif ukoll jitħawlu **Siġar** Bibliċi u endemiċi fuq l-Għolja Ta' Għammar u jinqalgħu dawk tal-akaċja li huma ta' ħsara għal dawk li jbatu minn xi allerġiji. Sintendi dan kollu ma hux ser isir f'salt wieħed... Min jaf kemm snin irid jieħu, u l-ispejjeż għal proġett bħal dan ma humiex ftit!

Nemmen li dan jista' jsir, u bi ftit għajnuna ta' kull min għandu għal qalbu lill-Madonna, naslu biex nagħtu rigal lil Ommna Marija, b'turija ta' rikonoxxenza għal tant grazzji li hija għadha u tibqa' tixħet fuq il-familji kollha tagħna minn dan il-post qaddis.

Fuq kollox nitolbu biex kull min iżur dan l-imkien għażiż għal Ommna Marija, fis-skiet u l-ġabra tas-Santwarju Ta' Pinu, ma jibżax jinżel għarkupptejh biex jinġabar jitlob u hekk iġarrab paċi u serħan li l-Mulej biss jaf jitfa' fil-qalb ta' kull bniedem. Ejjew aħna wkoll naħdmu b'kull mezz u ngħinu lil Ommna Marija twassal lil tant minn ħutna għand Binha Ġesù..◆





**Ftuħ tal-Mużew *Dar Karmni Grima* - 7 ta' Diċembru 2013**

# Diskors mir-Rettur tas-Santwarju



**Dun Gerard Buhagiar,**
**Rettur tss-Santwarju**

Onorevoli Dr Anton Refalo
Ministru għal Għawdex,
Onorevoli Dr Ian Borg
Segretarju Parlementari,
Membri Parlamentari,
Eċċellenza Reverendissma
Mons Mario Grech, Isqof tad-Djoċesi tagħna,
Sindku tal-Għarb,
Kunsilliera,
Sinjuri,

Grazzi talli lqajtu l-istedina tagħna!

Fis-sena li fiha qed infakkru l-175 sena mit-twelid ta' Karmni Grima, illum, 7 ta' Diċembru 2013, lejlet il-festa għażiża tal-Immakulata Kunċizzjoni, li lejha Karmni kellha mħabba kbira, qed nifthu mill-ġdid dan il-Mużew tad-Dar fejn twieldet, għexet u mietet din ix-xebba li semgħet il-leħen tal-Madonna mill-kwadru tagħha fil-Kappella Ta' Pinu. Ta' min ifakkar li din id-Dar infetħet għall-ewwel darba bħala Mużew fl-1965.

Jekk wieħed jixtieq tassew jammira s-sbuħija ta' din id-dar, jeħtieġ jagħmel dan bl-għajnejn tal-fidi. Dan ma hux xi mużew ieħor tal-folklor Għawdxi kif ġa jeżistu. Din hija d-Dar li fiha x-xebba Karmni fetħet qalbha beraħ għall-vuċi ta' Alla. Karmni kienet mara tas-skiet, u fis-skiet kienet kapaċi tagħżel il-vuċi ta' Alla li hemm fil-qalb ta' kull bniedem minn vuċijiet oħra. Fis-skiet tal-Kappella tal-Madonna Ta' Pinu u fis-satra u l-ġabra ta' bejn dawn il-ħitan, hija daqet l-imħabba materna tal-Verġni Mbierka, imħabba li hija rifless tal-Imħabba Divina. Il-bniedem li jitgħallem jiskot u jinżel għarkupptejh biex jitlob, kif kienet tagħmel Karmni, iġarrab paċi u serħan il-qalb, li huma frott tal-preżenza ħajja ta' Alla.

Dan huwa l-iskop ewlieni li għalih qed nerġgħu nifthu din id-Dar. Aħna nemmnu li l-esperjenza li minnha għaddiet Karmni, meta

ġarrbet il-kobor tal-imħabba u tal-paċi ta' Alla, tista' wkoll tkun l-esperjenza ta' kull wieħed u waħda minna. Dan iseħħ skont kemm jiena u inti nagħtu spazju lil Alla f'ħajjitna.

F'din l-okkażjoni tal-lejla qed nerġgħu nippubblikaw f'edizzjoni riveduta l-ktieb dwar il-ħajja ta' Karmni Grima, kitba tal-qatt minsi l-Isqof Nikol Ġużeppi Cauchi, li kien inkiteb preċiżament fl-1962 meta għall-ewwel darba xi kmamar ta' din id-dar infetħu bħala Mużew biex it-tifkira ta' Karmni tibqa' ħajja.

Fl-istess ħin, biex jitfakkar mill-ġdid il-ftuħ uffiċjali ta' dan il-Mużew, illum inħareġ timbru speċjali mill-*MaltaPost* li jista' jinkiseb f'kartolina tassew sabiħa maħduma minn Anthony Grech, membru tal-*Gozo Philatelic Society*, li flimkien mas-Santwarju Ta' Pinu ġiet ippubblikata llum f'edizzjoni limitata ta' 250 kopja.

Imma qabel nagħlaq, nixtieq ngħid grazzi mill-qalb lil kull persuna li ftit jew wisq tat is-sehem tagħha biex tlesta dan ir-restawr. Fuq kollox, aħfruli u skużawni; naf kemm issaportejtu t-tgergir tiegħi frott l-ansjetà biex dan il-proġett jitlesta. Ippermettuli ngħid kelma ċkejkna lis-Sur Paul Curmi, li nistqarr quddiemkom li kien għalija bħal anġlu mibgħut mill-Madonna Ta' Pinu, għax kieku ma kienx hu li stinka u ħadem flimkien miegħi biex din id-dar għażiża ma taqax ħerba, xogħol li huwa għamlu mingħajr ma rċieva l-ebda ħlas, kieku kont ilni li qattajt il-karti kollha. Ma għandix kliem ieħor, Paul: ngħidlek biss "grazzi" u jien ċert li l-ħlas mistħoqq troddulek għal mitt darba Ommna Marija.

Jalla minn din id-Dar u mis-Santwarju tagħha l-Madonna Ta' Pinu tkompli tixħet il-ħarsa materna tagħha fuq il-familji ta' Malta u Għawdex tagħna.♦



## Ftuħ tal-Mużew *Dar Karmni Grima* - *7 ta' Diċembru 2013*



# Karmni veru semgħet lill-Madonna?

minn Joseph Bezzina

*Siltiet mid-diskors magħmul fl-okkażjoni tal-ftuħ tal-Mużew ta' Karmni Grima 7 ta' Diċembru 2013*

Il-kappella ta' Santa Marija Ta' Calimera, imsejħa imbagħad Ta' Ġentili, u iktar tard Ta' Pinu, kienet ilha wieqfa fuq ir-riħ tal-Wied tal-Wieri, il-wied li jinsab bejn il-għolja Ta' Għammâr u r-raħal tal-Għarb sa minn żmien żemżem. Iżda sas-sena 1883 qajla kienu jafu biha.

### 1▪Il-ġrajja

Waħda mill-ftit devoti ta' Santa Marija f'dik il-kappella kienet Karmni Grima li kienet toqgħod f'dar quddiem iċ-Ċangar, passaġġ f'nofs ir-raba' li mit-trejqa ta' Taħt Għammar kien iwassal proprju sa quddiem id-dar tal-familja tagħha – passaġġ li jixraq li l-Kunsill Lokali tal-Għarb isib il-fondi ħalli jirrestawrah. Peress li l-familja kellha l-għelieqi taħt il-għolja Tal-Ġurdan, hi u sejra lura d-dar wara nofs ta' nhar fil-għalqa, kienet tħobb tieqaf, tinzel sa qiegħ il-wied u titla' fuq il-ħotba li fuqha kienet mibnija din il-kappella. Biex tiftaħ kemm twarrab ġebla mdaqqsa, għax taħtha kien hemm il-miftieħ tal-kappella. Din il-ħaġa kienu jafuha n-nies kollha tal-inħawi.

Il-Ġimgħa, 22 ta' Ġunju 1883, marret fl-għelieqi bħas-soltu, iżda ddawwret u qatgħetha li għal dak inhar titlob mit-trejqa ta' Taħt Għammar u tibqa' sejra lura d-dar. Waqfet tgħid Sliema u Qaddisa. F'daqqa waħda tisma' leħen ġej min-naħa tal-kappella li sejħilha b'ħeġġa: *Ejja, ejja!* Waqfet biex tilmaħ lil min sejħilha, iżda ma rat lil ħadd. F'daqqa waħda l-vuċi reġgħet: *Ejja llum, għax ma tkunx tista' tiġi għal sena sħiħa.*

Karmni niżlet il-wied, telgħet fuq il-ħotba tal-kappella, fetħet bil-muftieħ, u ċċassat lejn l-inkwatru ta' Santa Marija. Il-vuċi li nstemgħet ħierġa mill-inkwatru, kellmitha mill-ġdid: *Għid tliet Sliema u Qaddisa f'ġieħ it-tlett ijiem li l-ġisem tiegħi strieħ ġewwa l-qabar.*

Għamlet kif mitluba. Għalqet warajha u, imħassba, kompliet triqtha lejn id-dar. Għal xi raġuni ma reġgħetx ħarġitx qabel żmien twil.

## 2▪Kienet ħolma ta' bin-nhar jew realtà?

Ta' min jistaqsi: Il-ġrajja tas-sejħa ta' Karmni għat-talb kienet ħolma jew realtà? Karmni veru semgħet vuċi jew immaġinat li semgħet vuċi? Insemmu x'ġara wara.

1 – Karmni ma qalet lil ħadd b'dik l-esperjenza, kienet x'kienet, li kellha dak inhar.

2 – Kien biss wara li semgħet mingħand Franġisk Portelli, bidwi tar-ruħ bħalha li kellu esperjenzi spiritwali fil-kappella, li qatgħetha li tikxef is-sigriet li kienet ilha iżomm f'moħħha għal xi tliet snin.

3 – L-istorja tal-ġrajja saret magħrufa min-nies tal-Għarb wara li, bl-interċessjoni tal-Madonna Ta' Pinu, Ċensa, omm Franġisk fieqet bla mistenni. Kien f'Ottubru 1886.

4 – Kif bħal-leqqa ta' berqa ġriet l-aħbar tal-fejqan li deher mirakuluż, in-nies minn kull rokna ta' Għawdex bdew imorru jitolbu l-interċessjoni tal-Madonna Ta' Pinu.

5 – Nhar is-26 ta' Marzu 1887, Karmni xehdet taħt ġurament quddiem Dun Franġisk-Saver Debrincat, l-arċipriet tal-Għarb, u rrakkontat l-esperjenza li kienet għaddiet minnha.

6 – Ir-rakkont kif mogħti minn Karmni u minn Franġisk deher fil-*Propugnatore Cattolico*, il-ġurnal tad-Djoċesi ta' Għawdex, nhar is-16 u 30 ta' April 1887.

7 – Dlonk bdew ħafna pellegrinaġġi b'mod spontanju minn kull rokna ta' Għawdex.

8 – L-istorja kienet ikkupjata mill-ġurnali Maltin u għalhekk saret magħrufa lilhinn mix-xtut ta' Għawdex u bdew ġejjin lejn Ta' Pinu ħafna Maltin ukoll.

9 – Lady Amabel Kerr, il-mara tal-Ammiral Lord Walter Talbot Kerr – dak iż-żmien stazzjonat Malta – semgħet bil-ġrajja u ġiet hi nnifisha titkixxef dwarha. Kellmet lil Karmni u lil diversi nies oħra li kienu jafuha. Lura Londra, ippubblikat artiklu bit-titlu *The Assunta of Gozo* fir-rivista *The Month* (1893) u evenwalment fi ktieb għalih. Ix-xhieda tagħha tiswa mitqlu deheb. Dwar il-veraċitdidà tal-fatti tistqarr hekk: "The idea may occur to the English reader – which has been discarded almost without hesitation in Gozo and Malta – that the alleged communications from Our Lady receive by Karmni and Franġisk were a fabrication of their own...

(a) not only do the graces, both spiritual and temporal, which have been received at Ta' Pinu disprove the theory that the devotion could have been founded on a lie, but

(b) the simple, practical Christianity of both Karmni and Franġisk equally forbid such a thought... (and)

(c) although they maintained their silence, it was not God's will that the favours bestowed by the Blessed Virgin Mary should remain a secret".

Bi kliem sempliċi, din l-awtriċi magħrufa Ingliża ġabet tliet argumenti:

(a) il-grazzji, spiritwali u temporali, li qegħdin jirċievu n-nies jeskludu li l-fatt hu bbażat fuq gidba;

(b) il-fidi sempliċi ta' Karmni u Franġisk ma tħallikx taħseb ħażin dwarhom; u

(c) minkejja li żammew kollox mistur, ir-rieda ta' Alla ma kinitx li l-grazzji li trid ixxerred il-Madonna jibqgħu sigriet.

10 – Karmni veru semgħet lill-Madonna? Il-konklużjoni nħalliha għall-intelliġenza tal-qarrej.♦

## Ftuħ tal-Mużew *Dar Karmni Grima* - 7 ta' Diċembru 2013



# Niskopru Turiżmu Kulturali u Reliġjuż f'Għawdex

**minn Paul Curmi**

Minn dejjem emmint fil-ħafna opportunitajiet li toffri l-Unjoni Ewropea, partikularment fejn jidħlu fondi biex f'pajjiżna jsiru proġetti li altrimenti jkunu iktar diffiċli li jsiru. Hija wkoll ovvja l-importanza li s-Santwarju Ta' Pinu u l-ġrajja marbuta miegħu għandhom fil-ħajja Għawdxija, mhux biss mil-lat reliġjuż, imma wkoll minn dak turistiku. Is-Santwarju jiġbed lejh numru kbir ta' pellegrini u turisti, kemm dawk Maltin (ma naħsibx li tiġi organizzata ġita lejn Għawdex li fil-programm tagħha ma tidħolx żjara f'Ta' Pinu!), u kemm il-barranin li jżuruna. Hekk is-Santwarju sar simbolu ta' *marketing* turistiku għall-gżira Għawdxija. In-numru ta' pellegrini u viżitaturi lejn is-Santwarju jagħmlu minn Ta' Pinu mekka turistika. Hekk, ngħidu aħna, is-sena l-oħra 'l fuq minn mitejn elf pellegrin żaru s-Santwarju f'ġiti organizzati. Din il-figura ta' viżitaturi teskludi l-għadd kbir ta' pellegrini oħra li jżuru s-Santwarju fuq inizjattivi personali.

Dan il-proġett, "Niskopru Turiżmu Kulturali u Reliġjuż f'Għawdex", tfassal madwar ħames snin ilu. Mal-ewwel opportunità ta' sejħa indirizzata lejn l-Għaqdiet Mhux Governattivi taħt il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, kont kellimt lil Dun Gerard Buhagiar, Rettur, biex nittantaw xortina. Kont ipproponejtlu li nirranġaw il-*Via Crucis* fuq l-għolja Ta' Għammar, imma hu mill-ewwel indikali d-Dar ta' Karmni Grima. Kien qalli: "Dik dalwaqt tiġġarraf għal kollox, u jekk ma nsibx xi għajnuna bħal din, ma ndumux ma nitilfu ġawhra prezzjuża". Mar-restawr tad-Dar daħħalna wkoll ir-restawr ta' tnax-il biċċa pittura tal-artist Malti Ġużeppi Briffa u li fuqhom kienu nħadmu wħud mill-mużajċi li hemm fis-Santwarju. Ipproponejna proġett bi spiża kapitali ta' €400,000, li minnhom 85% ġew iffinanzjati mill-UE.

Minn meta tlaqna bil-proġett, kellna ħafna qtigħ ta' qalb! Kien hemm mumenti fejn konna ser nirtiraw l-applikazzjoni jew nieqfu f'nofs il-proġett; l-uġigħ ta' ras li ma jaqta' xejn kien minn fejn ser inġibu l-15% kontribuzzjoni tas-Santwarju! Insomma, dak



issa għadda u mar - *acqua passata*, jgħidu t-Taljani! Kważi erba' snin wara li bdejna bix-xogħol, illum qed jirnexxielna noffru dan il-ġojjell ta' dar tipika f'Għawdex, imma dar li mhi xejn komuni, għax hawn twieldet, għexet u mietet mara li ċ-ċirkustanzi tagħha biddlu u naqqxu parti mill-istorja ta' din il-Gżira tat-Tliet Għoljiet. Permezz ta' dan il-proġett issa l-viżitaturi ta' din id-Dar mibdula f'Mużew ser ikollhom ukoll għad-dispożizzjoni tagħhom *Audio Guide* b'sitt lingwi biex intejbu l-esperjenza ta' kull min iżur dan il-post. Wieħed japprezza li kellna nagħmlu xi tibdil strutturali biex din id-Dar tkun aċċessibbli għal kulħadd. Dak li sar ser tkunu tistgħu tarawh b'għajnejkom meta żżuru din id-Dar. Għandna wkoll sala b'dokumentarju awdjo-viżiv dwar il-ħajja ta' Karmni u r-rabta tagħha mas-sejħa tal-Madonna Ta' Pinu. L-istess sala ser tkun tintuża wkoll bħala sala tal-esibizzjonijiet, bl-ewwel wirja tkun dik ta' litografija tal-artist Taljan Amedeo Brogli. Hawn ukoll għall-wiri waħda mill-???. Ix-xogħol tal-pitturi restawrati ta' Ġużeppi Briffa llum jinsab għall-wiri fil-Mużew tas-Santwarju Ta' Pinu, fejn hemm ukoll ix-xogħol restawrat tal-pitturi ta' Emvin Cremona.

Fl-okkażjoni tal-ftuħ uffiċjali mill-ġdid tad-Dar ta' Karmni Grima bħala Mużew, xieraq li rrodd ħajr għal ħafna għajnuna li sibna. U hawn id-diffikultà tiegħi: lil min ser issemmi u lil min ser tinsa! Agħdruni fejn taħsbu li niżbalja!

Nibda qabel xejn biex verament nirringrazzja lit-tim kollu tal-Awtorità Nazzjonali li tmexxi l-Fondi Ewropej – il-PPCD. Minkejja li tul dawn il-ħames snin qtajna nifisna bid-dokumentazzjoni li kontinwament ġejna mitluba nissottomettu, nifhmu li din hija s-serjetà li jitolbu proġetti b'fondi Ewropej. Nistqarr li l-uffiċċjali f'dan id-Dipartiment dejjem kienu spalla ma' spalla magħna, kif kienet stqarret il-Kap tagħhom ħames snin ilu: "Aħna issa qegħdin fil-proġett magħkom u daqskom". Grazzi!

Grazzi lill-Onor. Dr Chris Said tal-għajnuna finanzjarja governattiva lejn

parti mill-kontribuzzjoni ta' 15% li Ta' Pinu obbligat jgħaddi lejn il-proġett. Kienet għajnuna li tatna nifs qawwi meta l-iktar kellna bżonnha. Issa li wasalna biex nagħlqu l-proġett, ma għandix dubju li ser insibu s-sapport tal-Gvern biex nirċievu l-aħħar parti ta' din l-għajnuna.

Grazzi wkoll lill-Onor. Giovanna Debono u lid-Direttorat ta' Eko-Għawdex immexxi mis-Sur Anthony Zammit għall-għajnuna finanzjarja li ħadna biex stajna nixtru l-vetrini tal-esibizzjonijiet.

Irrodd ħajr lill-kuntratturi li kellna fuq dan il-proġett - li kienu ħafna u ma jkollokx il-ħin li ssemmihom kollha. Ma nistax, imma, ma nsemmix lill-kuntratturi primarji: lil Dun Charles Vella, megħjun minn Joanna Hili Micallef, għar-restawr tal-pittura ta' Ġużeppi Briffa; u lill-*Baron Contracts*, għax-xogħol fuq ir-restawr ta' din id-Dar taħt is-superviżjoni tal-Perit Edward Scerri. Kien hemm mumenti fejn ħadnielhom moħħhom, u allura grazzi wkoll tal-paċenzja. Grazzi wkoll lil Ryan Mallia tal-*Exalta* li għaddielna l-esperjenza tagħhom f'mużewijiet oħrajn f'Malta.

Grazzi lill-Onor. Dr Anton Refalo, Ministru għal Għawdex, li, malli ħabbatna l-bieb tal-Ministeru tiegħu, immedjatament fehem il-viżjoni tas-Santwarju Ta' Pinu u offrielna l-għajnuna anki għal proġetti oħra marbuta mas-Santwarju.

Grazzi wkoll lill-Onor. Dr Ian Borg, li taħt is-Sergretarjat tiegħu jaqgħu l-amministrazzjoni tal-Fondi Ewropej. Fil-ftit sigħat li għamilna flimkien, ħassejna li miegħu nistgħu nitkellmu b'lingwaġġ li jifhimna u apprezzajna fuq kollox l-intenzjonijiet li għandu li jkompli jissapportja l-inizjattivi li ser ikompli jieħu s-Santwarju Ta' Pinu.

Grazzi wkoll lill-Eċċellenza Tiegħu Mons. Mario Grech, Isqof ta' Għawdex, li endorsja l-applikazzjoni ta' dan il-proġett mingħajr l-iċken riserva.

Nispiċċa b'messaġġ lill-Awtoritajiet. L-għajnuna li tingħata lil entitajiet bħal Ta' Pinu hija investiment. Semmejtilkom li tlaqna bi proġett ta' •400,000! Kieku wieħed kellu jagħti valur intrinsiku lill-ħin - li ma tistax tikkalkulah - ta' kontribut voluntarju minn diversi nies fuq perjodu ta' ħames snin, inkunu qed nitkellmu fuq somma ferm ikbar! ♦



# Ftuħ tal-Mużew *Dar Karmni Grima* - 7 ta' Diċembru 2013



## Diskors dwar il-Pitturi ta' Ġużeppi Briffa

**mir-Restawratur, Dun Charles Vella**

Il-proġett tar-restawr u l-konservazzjoni tal-kwadri preparatorji tal-pittur Ġużeppi Briffa huwa ta' interess artistiku u nazzjonali. Il-kwadri jirrappreżentaw il-Litanija tal-Madonna, u fihom kemm kompożizzjoni u identità unika u sabiħa, u kemm ilwien ħajja u ferrieħa. L-istil huwa wieħed eklektiku, Romanesk, imħallat mal-istil *Liberty*, kif kienet il-moda tal-epoka li fihom tpittru.

F'dawn it-tnax-il kwadru preparatorji, li fuqhom ġew ikkuppjati l-mużajċi kollha tas-Santwarju, il-pittur Briffa pprova jittraxxendi l-materja pittorika fuq it-tila għall-istat spiritwali u sagru tal-Ġenna. Kif fl-Apokalissi jissemma t-Tron, hekk ikkompona Briffa lill-Madonna, bilqiegħda fuq it-tron bħala Reġina tas-Sema u tal-art. Briffa għażel kuluri li jirriflettu ħafna dawl, għalhekk huwa għandu ħafna isfar rifless tad-dawl, b'effetti dehbin, kif ukoll ħafna kuluri koħol u ċelesti, li jirriflettu l-purità ta' Marija. Il-figuri huma surreali, iżda aktar huma disinn milli veriżmu. F'dawn il-kompożizzjonijiet Briffa juri teknika kbira tal-grafika. Qishom preparatorji ta' arkitett.

Briffa huwa ispirat mill-binja tas-Santwarju nnifsu, li huwa mibni bi stil Romanesk modern jew ri-interpretat. Irrispetta ħafna l-ispazju li fih kien qiegħed jaħdem, u integra x-xogħol tiegħu mal-kumpless sħiħ tas-Santwarju.

### L-istat ta' konservazzjoni

L-istat ta' konservazzjoni kien wieħed ħażin. Wieħed seta' jilmaħ quddiem għajnejh saħansitra d-dud kbir madwar ċentimetru qed jiekol it-tila! Insetti parassiti li huma komuni ħafna fejn hemm umdità għolja. Iż-żmien wera wkoll l-effetti tiegħu billi l-materjali xxuttaw iżżejjed miż-żejt u beda jitfarfar il-kulur. Sinonimi mal-kundizzjoni tagħhom kienu wkoll it-tbajja' ta' moffa kemm fuq il-wiċċ tal-pittura u kemm fuq wara. Dawn iffurmaw xibka ta' tbajja' żgħar ta' kulur griż ħdejn xulxin.

Tiċrit u toqob fit-tila kienu wkoll eżistenti. Wieħed minn dawn il-kwadri kien ukoll ri-infurzat ħażin billi ġie mwaħħal fuq karta ħoxna b'kolol li mhumiex riversibbli, li kella titneħħa b'mod mekkaniku, ħaġa li titlob ħafna ħin, paċenzja, u strapazz fuq il-pittura.

## Trattamenti

Il-kwadri sarilhom tindif mill-ħmieġ superfiċjali, kif ukoll tindif professjonali intensiv. Dan kien jinvolvi riċerka xjentifika tal-materjali li jikkostitwixxu l-pitturi. In-natura tal-materjali hija varjabbli, minn tempra sa kuluri biż-żejt. Dan il-proċess kien delikat ħafna minħabba li qatt ma kellhom verniċ protettiv, għalhekk l-interventi kienu direttament fuq il-kulur. Dan jitlob ħafna aktar dedikazzjoni u żmien.

It-tieni intervent kien li jiġu eliminati t-tbajja' tal-moffa, kif ukoll il-bakterja ffriżata. Il-moffa hija mikro-organiżmu li jiekol u jħammeġ.

It-tielet ħaġa, sarilhom intervent ta' rilenteratura, *strip lining*, peress li dawn il-pitturi qatt ma kienu intenzjonati li jkunu kwadri fuq tilari; minħabba li riedu jsifruhom Ruma biex iservu bħala disinji tal-proġett finali fil-mużajk, ma kellhomx tila żejda fil-ġnub tagħhom biex tista' tiġbidhom fuq tilari. Dan sar b'tila apposta mwaħħla minn kolla professjonali ta' natura riversibbli, u ġew stirati fuq tilari maħduma b'teknoloġija moderna, b'mekkaniżmu sofistikat, li meta t-tila ma tibqax konsistenti b'effett tal-inflatwazzjonijiet tal-umdità u sħana, tkun tista' tistiraha b'mod sempliċi, u bla ma ssir ħsara.

Waħda minn dawn il-pitturi, peress li kienet f'kundizzjoni ħażina ħafna, ġiet ri-intelata, jew *relined*, b'mod sħiħ, dak li jgħidulu *full relining*.

## Rtokki

L-irtokki saru b'kuluri apposta tar-restawr li ma jbiddlux l-intensità tagħhom maż-żmien u li huma ta' natura riversibbli. Dan l-irtokk sar b'dixxiplina kbira fejn meħtieġ biss, b'mod li ma jimmanipulax il-kompożizzjoni tal-artist. F'dan l-istadju ta' intervent ġie aktar ikkunsidrat il-valur tal-konservazzjoni tal-identità tal-artist. Għalhekk, fejn kien dubjuż jew ma nafux kif kien għax intilef, ma sarx irtokk.

## Verniċ protettiv finali

Il-verniċ li bih ġew koperti l-pitturi sar bi *spray* b'materjal riversibbli, li ma jisfarx maż-żmien u jipproteġi l-pitturi mill-effetti ħżiena tal-UV.

L-aħħar intervent kien li sarulhom gwarniċi sempliċi biex igawdu estetika aktar eleganti.♦



## Ftuħ tal-Mużew *Dar Karmni Grima* - *7 ta' Diċembru 2013*



# Ninvestu fil-Gżira Għawdxija

**minn Dr. Ian Borg, Segretarju Parlamentari**

Kien ta' pjaċir għalija li nattendi ċ-ċerimonja tal-ftuħ uffiċjali tal-Mużew tad-Dar ta' Karmni Grima f'Għawdex. Dan il-Mużew ibbenefika minn •344,092 taħt il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali biex jgħin ħalli jitjieb il-prodott turistiku tal-gżira Għawdxija.

Fil-programm finanzjarju 2007-2013 ġew allokati • 120 miljun f'fondi Ewropej ħalli jiġi promoss turiżmu sostenibbli madwar il-gżejjer Maltin. B'dawn il-fondi ġie mwettaq ukoll il-proġett tal-Ġgantija, kif ukoll ir-restawr tas-swar taċ-Ċittadella li fiż-żmien żgur ser ikunu qed jagħtu spinta lill-prodott turistiku li toffri din il-gżira.

Fil-programm finanzjarju l-ġdid 2014-2020, għalkemm it-turiżmu mhux se jibqa' meqjus bħala ass ta' prijorità għall-Unjoni Ewropea, il Gvern Malti diġà identifika inizjattivi oħra ta' natura innovattiva u kreattiva f'dan is-settur li xorta ser ikunu jistgħu jibbenefikaw minn fondi Ewropej. L-interventi f'dan is-settur matul is-seba' snin li ġejjin fil-fatt ser ikunu indirizzati b'mod orizzontali u mhux b'mod dirett, u għalhekk mistennija jkunu ta' benefiċċju b'mod partikolari għall-intrapriżi żgħar u medji li huma involuti fil-qasam tat-turiżmu f'pajjiżna.

Fl-aħħar għaxar xhur il-ħidma ta' dan il-Gvern fejn jidħlu fondi Ewropej għall-gżira Għawdxija ffukat biex jintlaħaq l-objettiv li 10% tal-Fondi Strutturali 2007-2013 ikunu allokati lil Għawdex, biex tkompli titjieb l-infrastruttura f'din il-gżira filwaqt li jkompli jinħoloq ix-xogħol f'Għawdex għall-Għawdxin. Fil-fatt b'dawn l-interventi permezz ta' fondi Ewropej ser jinxtara apparat ġdid għall-Isptar Ġenerali ta' Għawdex, ser isir titjib fl-infrastruttura tal-Qasam Industrijali fix-Xewkija, kif ukoll ser jinħolqu tliet mitt impjieg ġdid għall-Għawdxin permezz ta' •2 miljun li ġew allokati għall-*Employment Aid Programme* f'Għawdex.

Permezz ta' dan l-artiklu nixtieq nieħu l-opportunità u nselli għall-qarrejja ta' dan il-fuljett u niżgurahom li dan il-Gvern huwa kommess li jkompli jinvesti fil-gżira Għawdxija. Fl-aħħar nett nixtieq nifraħ lil kull min kien responsabbli minn dan il-proġett u nawguralhom suċċess fil-ħidma tagħhom matul iż-żmien li ġej.♦

## Ftuħ tal-Mużew *Dar Karmni Grima* - 7 ta' Diċembru 2013

# Il-Gvern impenjat li jippromovi t-turiżmu reliġjuż lejn Għawdex



minn Dr. Anton Refalo, Ministru għal Għawdex

Eċċellenza Reverendissma,
Monsinjur Isqof ta' Għawdex,
Kollegi,
Mistiedna,

Huwa unur għalija bħala l-Ministru għal Għawdex li ninawgura l-Mużew fid-dar fejn kienet tgħix ix-xbejba Karmni Grima li semgħet issejħilha l-Madonna mill-kwadru tagħha f'Ta' Pinu.

Nieħu l-opportunità ta' din l-okkażjoni biex intenni l-impenn tal-Gvern li jippromovi lil pajjiżna, l-aktar lil Għawdex, bħala destinazzjoni eċċellenti għal turiżmu kulturali u reliġjuż, niċeċ relattivament ġodda.



Fl-Istrateġija Nazzjonali dwar it-Turiżmu se jkun identifikat pjan ċar għat-turiżmu f'Għawdex, inkluż dak reliġjuż, fejn diġà bdew diskussjonijiet dwar mappa ta' siti reliġjużi f'Għawdex, bil-qofol ta' din il-mappa jkun is-Santwarju Nazzjonali Ta' Pinu.

It-turiżmu reliġjuż huwa qasam importanti ferm fl-industrija turistika, u diversi siti reliġjużi jgħinu mhux ftit lil dan is-settur fil-pajjiż fejn jinsabu. Huwa stmat li madwar 300 sa 330 miljun pellegrin iżuru siti reliġjużi madwar id-dinja.

Permezz tal-Mużew tad-Dar ta' Karmni Grima ħa jkompli jixtered iktar il-messaġġ li l-Madonna għaddiet lil din ix-xbejba sempli'i f'Ta' Pinu.

Intenni li l-Ministeru għal Għawdex se jkompli jaħdem bis-sħiħ mad-Djoċesi Għawdxija fi proġetti oħra.

Grazzi mill-qalb, Eċċellenza, tal-ħidma kbira li qegħdin twettqu fost il-poplu Għawdxi.♦

**Ftuħ tal-Mużew *Dar Karmni Grima* - *7 ta' Diċembru 2013***

# Messaġġ tal-Isqof ta' Għawdex



**mill-Isqof Mons. Mario Grech**

Bir-restawr li sar fuq din id-Dar ta' Karmni Grima, ix-xebba li rċeviet il-messaġġ mingħand il-Madonna Ta' Pinu, qegħdin irroddu lura lis-soċjetà parti mill-patrimonju nazzjonali tagħna. Għaliex kif jixhdu l-eluf kbar ta' pellegrini li ta' kull sena jżuru s-Santwarju Ta' Pinu, mal-ġrajja tal-Madonna Ta' Pinu hemm minsuġa ħafna esperjenzi umani kemm ta' individwi u kemm ta' komunitajiet. Fil-fatt huma ħafna dawk li jqisu s-Santwarju Ta' Pinu bħala punt ta' riferiment għal ħajjithom. Meta nitkellmu dwar is-Santwarju nkunu qed nitkellmu wkoll dwar din id-dar, għaliex l-esperjenza mistika li Karmni għexet fil-Kappella Ta' Pinu tkompliet f'din id-dar li kienet ir-residenza tagħha.

Fil-fehma tiegħi huma tlieta d-"dokumenti" li jirreġistraw il-ġrajja Ta' Pinu:

a) L-ewwel nett għandna *d-dokument tal-ġebel*. Ninsabu hawn f'din id-dar ta' Karmni. Kieku r-Rettur Dun Gerard Buhagiar ma daħalx għal dan il-proġett ta' restawr, kieku din id-dar kienet tiġġarraf u tinqered u hekk konna nitilfu dan id-dokument tal-ġebel.

b) Jeżisti wkoll *id-dokument tal-karti*. Ftit snin wara li seħħ dan il-fenomenu, l-Isqof Pietru Pace kien ordna li ssir inkjesta u għalhekk kien ġabar għadd ta' xhieda, inkluża dik ta' Karmni u ta' Franġisku Portelli. Imma b'dispjaċir illum intenni li dak il-manuskritt għeb! Jien għandi tagħrif li dan id-dokument kien f'idejn il-predeċessur tiegħi, imma sparixxa u qatt ma wasal għandi. Dan huwa dokument importanti ħafna għall-istorja tal-Knisja lokali. Dokument ta' din ix-xorta li jagħmel parti mill-wirt storiku u reliġjuż tagħna qatt ma jista' jiġi aljenat. Min għandu dan id-dokument jaf li dan jappartieni lill-Knisja f'Għawdex. Fil-lingwa Maltija għandna kelma eżatta li tiddeskrivi l-azzjoni ta' min qed iżomm għandu dan id-dokument! Għal darb'oħra nagħmel appell biex min qiegħed jostor dan id-dokument, iroddu lura.

c) Imbagħad hemm *id-dokument tal-fidi*, it-twemmin ta' ġensna. Matul il-medda






tas-snin mill-1883 'l hawn dejjem kompla joktor l-għadd tal-pellegrini li jagħtu widen lill-Madonna li fil-kuxjenzi tal-bniedem tal-lum għadha ssejħilhom biex jinviżtaw is-Santwarju tagħha. Id-devozzjoni tan-nies lejn il-Madonna Ta Pinu hija "rakkont" ħaj li mas-snin jagħmel eku ta' din il-ġrajja.

Inħossni grat lejn dawk kollha li kkollaboraw mar-Rettur Buhagiar biex dan il-proġett tar-restawr tlesta. Nemmnu li b'dan il-proġett aħna mhux biss qegħdin ngħinu biex Ta' Pinu jkompli jkun oasi ta' spiritwalità u Ċentru ta' evanġelizzazzjoni, imma nixtiequ wkoll insostnu t-turiżmu reliġjuż f'Għawdex.

Bl-inter'essjoni tal-Madonna Ta' Pinu nitlob lil Alla jbierek din id-dar bit-tama li dawk li jżuruha jixxenqu biex ikollhom dik l-intimità li Karmni kienet temmen li kellha mal-Madonna.♦



# Ftuħ tal-Mużew *Dar Karmni Grima* - *7 ta' Diċembru 2013*

## Rapport fil-qosor dwar ix-xogħol ta' restawr li sar fuq Dar Karmni Grima

**minn Saviour Tabone**



### Profil

Karmni Grima għexet f'din id-dar bejn Frar 1838 u Mejju 1922. Kienet mara tar-raba', iżda l-esperjenza reliġjuża li ġarrbet fil-Kappella Ta' Pinu f'Ġunju 1883 wasslet għall-bini tal-maqdes monumentali ddedikat lill-Madonna Ta' Pinu fil-limiti tal-Għarb.

Karmni twieldet fir-raħal żgħir tal-Għarb minn Tumas u Antonia mwielda Apap, li kienu bdiewa li jaqilgħu l-għixien tagħhom mir-raba' taħt in-naħa tal-għolja Ta' Għammar. Ta' kull filgħodu, wara li kienet tisma' l-Quddiesa, kienet tmur taħdem fir-raba', u bla dubju ta' xejn kienet tidħol titlob għal xi ħin fil-Kappella Ta' Pinu.

Kien fit-22 ta' Ġunju 1883 li, waqt li kienet għaddejja bħas-soltu minn quddiem il-kappella, Karmni semgħet vuċi misterjuża ssejħilha mill-kwadru tal-Madonna Ta' Pinu. Din il-ġrajja baqgħet mistura għal xi żmien, iżda wara l-fejqan mirakoluż li seħħ ma' Vinċenza, omm Franġisk Portelli, ma' Malta u Għawdex ġriet bħal leħħa ta' berqa l-aħbar dwar dak kollu li seħħ fis-sikta tal-Kappella Ta' Pinu. Bdew l-ewwel pellegrinaġġi u din il-kappella ċkejkna fil-punent tal-gżira Għawdxija malajr inbidlet f'tempju Marjan









l-aktar imfittex fil-gżejjer Maltin. Kien fis-sena 1920 li tpoġġiet l-ewwel ġebla ta' dan il-maqdes, li ġie ddedikat fit-13 ta' Diċembru 1931: maqdes mibni f'arkitettura Romaneska, tempju li waħdu huwa xhieda tal-imħabba tal-poplu Malti u Għawdxi lejn il-Madonna Ta' Pinu u fuq kollox tal-ħila tal-ħaddiem Malti fil-ġebla Maltija.

Id-dar fejn kienet toqgħod Karmni Grima għadha teżisti, u fl-1965 kienet infetħet għall-ewwel darba bħala Mużew. Maż-żmien ġarrbet diversi ħsarat strutturali u għalhekk f'dawn l-aħħar tliet snin sar xogħol intensiv biex din id-dar tiġi rrestawrata u tkun anki aċċessibbli għal kulħadd.

## Xogħol ta' restawr fuq id-Dar

Wara ħafna studju u konsultazzjoni, kemm ma' nies li jiftakru d-dar kif kienet fl-antik, u kemm wara konsulta estensiva mal-Perit Edward Scerri, tfassal pjan strateġiku ta' kif għandu jsir ir-restawr ta' dan il-post, li barra li kellu arkitettura partikolari, kellu wkoll storja li fil-każ tagħna riedet tiġi mdawla u mfissra b'mod prattiku iżda wkoll li jwassal lill-pellegrin l-ispirtu reliġjuż li fih Karmni kienet tgħix.

Wara li tfasslu l-pjanti ta' kif kienet ser tinbidel id-dar, saret applikazzjoni mal-awtoritajiet ikkonċernati, fejn ġew mogħtija l-permessi kollha neċessarji biex isir dan ix-xogħol. Sar il-proċess ta' *tendering* u x-xogħol ingħata lill-*Baron Group of Companies*, kumpanija privata li kellha esperjenza fil-qasam tar-restawr ta' bini bħal dan.

Ix-xogħol beda minnufih billi tħammlet parti mill-ġnien adjaċenti mal-post u li tagħti għal fuq it-triq prinċipali tal-Għarb. Il-ħamrija li kien hemm fl-għalqa tnaddfet u tpoġġiet mal-ħajt tan-naħa ta' wara, ħalli terġa' tintuża wara li jitlesta x-xogħol ta' kostruzzjoni li kellu jsir fl-istess ġnien. Sadanittant tneħħiet l-għamara kollha li kienet imferrxa mal-kmamar ġewwa d-dar. Din









tneħħiet mill-post, parti minnha biex issirilha restawr estensiv, waqt li oħrajn tnaddfu biex setgħu jerġgħu jsibu posthom f'dan il-post meta kien lest.

Ħafna mill-kmamar kellhom ħsarat konsiderevoli minħabba diversi fatturi, fosthom li l-post kien strieħ xi żmien ilu, u bil-konsenturi li żviluppaw daħal ammont kbir ta' ilma li kompla għamel ħsara kbira kemm fil-bjut infushom u kemm f'ħafna mill-ħitan. Meta beda x-xogħol tal-kostruzzjoni, l-ewwel kellhom jiġu msaħħa dawn il-ħitan u bjut li kienu fi stat ħażin ħafna. Wara nbniet l-estensjoni fil-ġnien fejn ittella' taraġ ieħor minn barra kif ukoll inbnew *toilets* ġodda għall-viżitaturi ta' dan il-lokal. Il-kostruzzjoni saret b'sengħa u l-bini kollu sar b'metodi tradizzjonali u b'ġebla tal-franka maqtugħa minn barrieri fil-viċin.

Sar ukoll xi xogħol f'xi kmamar, fost l-oħrajn fil-kamra ta' ġewwa li tiġi taħt il-kċina (għax din tal-aħħar kienet tinsab fit-tieni sular). F'din il-kamra fil-fatt saru xogħlijiet ta' alterazzjoni fil-ġebel biex ikun jista' jitpoġġa lift modern u mgħammar bl-aħħar funzjonalitajiet u li seta' jiggarantixxi aċċess għal kulħadd.

Saret ukoll stallazjoni ġdida tad-dawl, tal-ilma, kif ukoll ta' sistema ta' *alarms* u *CCTVs*. Waqt dawn l-istallazzjonijiet kellna noqogħdu attenti biex issir ħsara mill-inqas fil-ħitan tal-kmamar kollha. Fil-fatt kellu jsir pjan ta' kif kellha ssir l-istallazzjoni, ħalli b'hekk isir mill-inqas tqattigħ fil-ġebla.

Meta tlesta x-xogħol ta' tqattigħ, beda x-xogħol propju ta' restawr fuq il-ħitan kollha, kemm dawk fuq in-naħa ta' ġewwa tal-kmamar u kemm dawk fuq in-naħa ta' barra mad-dawra kollha. Ix-xogħol ta' restawr fuq ġewwa tal-kmamar kellu jsir b'reqqa kbira. Il-ħitan fuq ġewwa tal-kmamar kellhom jitnaddfu mill-parti l-kbira tal-kisi li kellhom, għax dan kien fil-parti l-kbira tiegħu mibżuq.









Wara kellhom jitnaddfu l-fili u jerġgħu jinksew u jinżebħu bl-istess kuluri li kellhom il-kmamar oriġinarjament. Ix-xogħol kollu sar manwalment biex titnaqqas il-possibbiltà ta' ħsara lill-ġebla. Hawn ukoll kellu jsir studju ta' kif kienu l-kuluri oriġinali u anki x'tip ta' żebgħa kellha tintuża.

Il-ħitan fuq in-naħa ta' barra kellu jitneħħielhom ammont sostanzjali ta' kisi li nġema' matul is-snin u li għamel ħsara kbira. Dan sar b'għodod żgħar u tal-idejn biex niżguraw li ma ssirx ħsara lill-ġebel u lit-tikħil li kien għadu tajjeb. Wara li tneħħa dan il-kisi, kien hemm postijiet fejn kellu jinbidel ukoll xi ġebel. Sar xi tikħil mill-ġdid billi tnaddfu l-fili u tkaħħlu bil-*hydraulic lime* wara li saru ammont ta' testijiet u *samples* varji, li ġew approvati mill-Perit inkarigat mix-xogħlijiet. Sar ukoll xi *micro sand-blasting* fuq partijiet tal-faċċata fejn ma setax imur il-ħmieġ mal-wiċċ tal-ġebla u depożiti oħra li weħlu mal-istess ġebla matul is-snin.

F'postijiet partikulari fejn il-ġebla kienet miksura, kellu jintuża *epoxy resin* biex tiġi stabbilizzata din il-ġebla. Kellu wkoll jintuża f'xi nħawi l-*plastic repair* ħalli tkun salvata kemm jista' jkun il-ġebla oriġinali mingħajr ma jkollha bżonn tinbidel.

Fuq il-faċċati kollha ta' barra ġew applikati numru ta' passati ta' *velatura* magħmula minn ilma u *pigmenti* naturali ħalli b'hekk il-binja kollha tiegħu dehra uniformi dawramejt.

Saru wkoll interventi b'*biocides* biex titneħħa veġetazzjoni li kibret maż-żmien, speċjalment fuq dawk il-partijiet li kienu kennija u li fuqhom ma kinitx taħkem ix-xemx. Dan l-intervent kellu jsir numru ta' drabi sakemm tneħħa kollox.

Saru wkoll numru ta' interventi fuq l-artijiet tal-kmamar fis-sulari kollha. F'postijiet bħall-mitħna saru biss interventi minimi ta' tindif u xogħol ieħor ħalli jerġa' joħroġ l-effett oriġinali tal-art magħmula







miċ-ċangatura tal-franka li tiddomina l-art mad-dawra kollha. Saru wkoll artijiet mill-ġdid fil-kmamar li kienu bil-madum tas-siment. Wara bosta konsultazzjoni, sar madum li kien jixbah lil dak eżistenti u tpoġġa fil-kmamar rispettivi. Fejn il-ħsara kienet minima, tnaddaf il-madum eżistenti u nbidlu biss dawk il-ftit miksura.

Il-bjut kollha tal-post, wara li tlestew mit-tiswija li kellhom bżonn, ġew miksija b'*water proof membrane* ħalli jiġu protetti kemm jista' jkun mill-ilma. Fuq uħud minn dawn il-bjut tpoġġew il-pannelli fotovoltajċi u l-ilma tal-bjut issa beda jinġabar kollu f'bir li kien hemm fil-bitħa interna.

Sar ukoll restawr estensiv fuq l-aperturi kollha ta' barra kif ukoll ta' ġewwa. Saru wkoll bibien u twieqi ġodda fejn dawn ma setgħux jiġu rrestawrati minħabba li kienu malandati ħafna. Sar bdil ukoll ta' ħġieġ, ċappetti u affarijiet oħra li ma setgħux jiġu miżmuma. Wara li tlesta l-brix kollu, ingħatat passata *preserver*, passata *undercoat* u żewġ passati *finish*.

Għalkemm dan ix-xogħol ħa fit-tul, illum, meta nħarsu lura, nimtlew b'sodisfazzjon kbir, għaliex b'dak kollu li sar, issa din id-Dar għażiża reġgħet infetħet mill-ġdid bħala Mużew li jżomm ħajja t-tifkiriet ta' Karmni Grima, ix-xebba li semgħet il-leħen mill-kwadru tal-Madonna Ta' Pinu, ġrajja mill-isbaħ fl-istorja tal-gżira Għawdxija.♦

## Ftuħ tal-Mużew *Dar Karmni Grima* - *7 ta' Diċembru 2013*

# Il-bijografija ta' Karmni Grima

### ppubblikata f'edizzjoni riveduta

**inkitbet minn Dun Nikol Ġ. Cauchi, iktar tard Isqof ta' Għawdex**




Fl-okkażjoni tal-ftuħ mill-ġdid tal-Mużew *Dar Karmni Grima* fl-Għarb, Għawdex, wara restawr li sar b'fondi Ewropej, *Ta' Pinu Publications* għadhom kemm ippubblikaw edizzjoni riveduta ta' l-unika bijografija li għandna ta' din ix-xebba raħlija li fis-seklu dsatax semgħet il-leħen tal-Madonna jsejħilha mill-kappella tagħha fl-inħawi msejħa Ta' Pinu, fejn il-lum hu wieqaf is-Santwarju Nazzjonali li jiġbed lejh pellegrini mid-dinja kollha.

Il-ktieb ta' 48 paġna, li jġib l-isem *Karmni Grima: Ix-xebba li semgħet il-leħen tal Madonna Ta' Pinu*, kien ġie miktub fl-1964 minn Dun Nikol Ġ. Cauchi, tliet snin qabel laħaq Isqof, meta allura kien għadu kappillan il-Fontana. L-awtur, li ġej mill-istess raħal li fih twieldet, għexet u mietet Karmni Grima, ġabar fil-qosor u b'lingwaġġ mexxej imma daqshekk ieħor studjat u mirqum, ħjiel ħafif dwar il-ħajja ta' din ix-xebba li l-fama ta' qdusija tagħha kienet magħrufa fil-gżira kolha meta għalqet għajnejha għall-aħħar darba fil-25 ta' Mejju 1922.

L-awtur jiftaħ il-kitba tiegħu bi sfond storiku tal-kuntest soċjali li fih twieldet Karmni. Hu jagħti tagħrif dwar it-trobbija tagħha sakemm jasal għall-ġrajja importanti tas-Sejħa li seħħet fl-aqwa ta' żgħożitha, fejn jidħol fid-dettall billi jikkwota minn sorsi primarji bħalma kienet l-ewwel storja miktuba minn Mons. Dekan Giuseppe Farrugia. Ma jonqosx li jsemmi lil Franġisku Portelli, ġuvni twajjeb anki hu mill-Għarb, li kellu esperjenza simili għal ta' Karmni, kif ukoll ir-reazzjonijiet ta' l-awtoritajiet ekkleżjastiċi għal dak li kien ġara.

L-aħħar ftit kapitli tal-ktieb jiffukaw iżjed fuq il-ħajja spiritwali ta' Karmni nfisha, dejjem fid-dawl ta' l-esperjenza 'sopranaturali' li kienet għaddiet minnha. Ħafna tagħrif l-awtur jisiltu minn djarju li

b'xorti tajba żamm Dun Anton Vella, id-direttur spiritwali li l-aktar għex qrib tagħha u sema' minn għandha dwar id-diversi 'viżjonijiet' li kellha.

Il-ktieb, li qed joħroġ fit-Tieni Edizzjoni Riveduta, hu mżejjan b'għadd ta' illustrazzjonijiet kif ukoll ritratti tad-Dar ta' Karmni Grima – kif ġiet irrestawrata dan l-aħħar – meħuda minn Daniel Cilia. Għandu jservi ta' bażi tajba għal dawk li fil-futur, nittamaw, ikunu jixtiequ jidħlu iżjed fil-fond tal-personalità qaddisa ta' din ix-xebba Għawdxija li kellha x-xorti tisma' leħen il-Verġni Mbierka. Fuq kollox, jistieden lill-qarrej biex, bħal Karmni Grima, jisma' l-leħen ta' Marija u jkun devot veru tagħha.

Kopji ta' dan il-ktieb u pubblikazzjonijiet oħra jistgħu jinkisbu mis-Santwarju Nazzjonali tal-Madonna Ta' Pinu, l-Għarb jew mill-Mużew *Dar Karmni Grima*, 1, Triq l-Għarb, l-Għarb (tel: 2155 6187).♦




# Timbru Speċjali mill-MaltaPost u Kartolina ta' Tifkira
## fl-okkażjoni tal-Ftuħ mill-ġdid tal-Mużew 'Dar Karmni Grima'




B'tifkira tal-Ftuħ mill-ġdid tad-Dar ta' Karmni Grima wara r-restawr li sar il-Posta ta' Malta ħarġet timbru speċjali li kien jista' jinkiseb mill-uffiċċju postali fl-Għarb. Għal din l-okkażjoni, is-Santwarju Ta' Pinu flimkien mal-Għaqda Filatelika ta' Għawdex ippublikaw kartolina ta' tifkira li ġiet iddisinjata mis-Sur Anthony Grech membru tal-istess għaqda.



# Marija fil-Mużika (16)

minn Ivan Attard,
l-Organista tas-Santwarju Nazzjonali
tal-Madonna Ta' Pinu

## Innijiet Liturġiċi: 'Nunc Dimittis'

*"Nunc Dimittis servum tuum, Domine, secundum verbum tuum in pace:*
*quia viderunt oculi mei salutare tuum*
*quod parasti ante faciem omnium populorum,*
*lumen ad revelationem gentium, et gloriam plebis tuæ Israel".*

**"Issa, o Sid, tista' tħalli l-qaddej tiegħek imur fis-sliem skont kelmtek,**
**għaliex għajnejja raw is-salvazzjoni tiegħek li int ħejjejt għall-popli kollha,**
**dawl biex idawwal il-ġnus u glorja tal-poplu tiegħek, Israel!".**

Dawn huma l-kelmiet sbieħ li bihom il-qaddis Profeta Xmuni laqa' f'dirgħajh lit-tarbija Ġesù f'dak il-jum solenni meta Marija u Ġużeppi marru jippreżentawH fit-Tempju ta' Ġerusalemm, skont kif kienet titlob il-Liġi ta' Mosè. B'dan il-ġest ta' umiltà, Ġesù ried jurina li huwa kien lest joqgħod għal-liġi tal-bnedmin. Kien f'dan il-waqt ukoll li Ġesù tħabbar bħala dak li "ser iġib il-waqgħa u l-qawmien ta' ħafna f'Israel" u li Marija kellha tgħaddi minn duluri kbar matul il-ħajja tagħha. Il-Misteru tal-Preżentazzjoni tal-Mulej fit-Tempju jiġi ċċelebrat mill-Knisja universali kull sena fit-2 ta' Frar, erbgħin jum wara l-ferħ tal-festa tal-Milied, u f'din il-festa tiġi mbierka x-xemgħa biex turina li Ġesù huwa d-Dawl veru li jdawwal il-ħajja u l-qalb ta' kull bniedem.

Il-Kantiku ta' Xmuni l-Profeta, imsejjaħ *"Nunc Dimittis"*, insibuh miktub fl-ewwel kapitli tal-Vanġelu ta' San Luqa u jintuża mill-Knisja bħala l-Kantiku Evanġeliku li jingħad fit-Talba ta' Għeluq il-Jum (il-Kompieta). Bħalma l-Kantiku Evanġeliku ta' Żakkarija jingħad fit-talba tat-Tifħir ta' Sbiħ il-Jum u l-Kantiku Evanġeliku ta' Marija jingħad fit-talba tal-Għasar, hekk ukoll il-Kantiku Evanġeliku ta' Xmuni l-Profeta jingħad fit-Talba ta' Għeluq il-Jum. Kemm ikun aktar xieraq li kieku l-komunitajiet tagħna jagħtu valur akbar lit-talba tal-Liturġija tas-Sigħat, li hija t-talba uffiċjali tal-Knisja universali, hekk li partijiet minn din it-talba tibda tingħad kuljum fil-parroċċi u fil-knejjes tagħna! Fl-opinjoni tiegħi, qed nagħtu ħafna aktar importanza lit-talb devozzjonali, u fl-istess ħin imbagħad, nagħtu



l-ġenb lit-talba tal-Liturġija tas-Sigħat li suppost għandha tieħu preċedenza fuq it-talb l-ieħor kollu li ngħidu ta' kuljum!

Bħalma ġara f'innijiet liturġiċi oħra li diġà għamilna riferenza għalihom f'artikli oħra ta' din ir-rubrika, kienu bosta dawk il-kompożituri, sew antiki u sew oħrajn aktar moderni, li ispiraw ruħhom mill-versi sbieħ tal-innu *Nunc Dimittis* u kkomponew melodiji u arranġamenti mużikali li komplew jagħnu u jenfasizzaw l-importanza tiegħu. Dawn li ġejjin huma xi wħud minn dawn il-kompożizzjonijiet.

Il-kompożitur **Luigi Barbieri** kiteb *Nunc Dimittis* fl-1794 fuq l-istil klassiku. L-istrumentatura ta' din il-kompożizzjoni tikkonsisti f'tenur u baxx solisti, kor imħallat, korni, strumenti tal-korda u orgni. Il-kompożitur **Tomás Luis de Victoria** kiteb *Nunc Dimittis* fuq l-istil rinaxximentali għal



kor b'erba' vuċijiet, li ġie ppubblikat għall-ewwel darba fis-sena 1600.

Il-kompożitur ċelebri **Giovanni Pierluigi da Palestrina** kiteb *Nunc Dimittis* fuq l-istil rinaxximentali, li ġie ppubblikat għall-ewwel darba fl-1876.

Kompożizzjoni oħra bbażata fuq l-innu *Nunc Dimittis* hija tal-kompożitur **Peter August Schnecker**. Din il-kompożizzjoni hija miktuba fuq l-istil romantiku għal solista baxx flimkien ma' kor b'erba' vuċijiet u bl-akkumpanjament tal-orgni. Il-kompożitur **Orlando Gibbons** kiteb *Nunc Dimittis* fuq l-istil rinaxximentali għal kor imħallat.



Kompożizzjonijiet moderni bbażati fuq dan l-innu nsibu ħafna. **Edward Lambert** kiteb waħda għal kor b'erba' vuċijiet, bl-akkumpanjament tal-orgni. **Peter Dyson** kiteb arranġament mużikali fuq dan l-innu fis-sena 2001. L-innu huwa miktub fuq l-istil modern għal kor b'erba' vuċijiet *a cappella* (jiġifieri mingħajr l-akkumpanjament ta' strumenti). Ġie ppubblikat għall-ewwel darba fl-istess sena li fiha nkiteb. Il-kompożitur Ingliż **John Ireland** kiteb żewġ arranġamenti mużikali tal-innu *Nunc Dimittis*. Waħda minn dawn il-kompożizzjonijiet hija miktuba fuq l-iskala mużikali *Fa Maggiore*, filwaqt li l-oħra hija miktuba fuq l-iskala mużikali *Do Maggiore*. Dawn iż-żewġ kompożizzjonijiet huma miktuba għal kor imħallat bl-akkumpanjament tal-orgni. It-tieni minnhom hija ddedikata lir-Rev. E. Howard Muncey MA, Dekan tal-Katidral ta' Gloucester.



Fuq nota storika, insibu li l-innu *Nunc Dimittis* miktub mill-kompożitur **Charles Villiers Stanford** indaqq bħala innu tal-għeluq fil-funeral ta' Margaret Thatcher fis-17 ta' April 2013.

L-innu *Nunc Dimittis* huwa tifħir lil Alla li għoġbu jibgħat fostna lil Ibnu l-waħdieni biex ikun id-Dawl li jdawwal il-mixi tagħna tul dan il-wied tad-dmugħ sa ma naslu biex ingawduh għal dejjem f'darna tas-Sema. ♦


# ĠEDDED *l-Abbonament*

## fir-rivista għas-sena 2014




**Abbonament għas-sena 2014**

- Lokali: **€ 8.00**
- Ewropa: **€ 16.00**
- Barra mill-Ewropa: **€ 20.00**
- Sostenitur: **Offerta Libera**

*Ibgħat id-dettalji tiegħek flimkien mal-ħlas lill-Editur, Santwarju Madonna Ta' Pinu, Ta' Pinu, Għarb GRB 1704, Għawdex.*

# Mill-Ħajja tas-Santwarju



miġbura minn
**Ivan Attard**

## OTTUBRU 2013

**Il-Ġimgħa, 11: sat-Tlieta 15 ta' Ottubru**, grupp ta' 54 pellegrin minn Malta u Għawdex ħadu sehem fil-Ġurnata Marjana li organizza l-Vatikan bi tħejjija għall-Għeluq tas-Sena tal-Fidi. Kien il-Q.T. il-Papa Franġisku innifsu li aktar kmieni matul is-sena 2013, stieden lis-Santwarji Marjani mxerrda mad-dinja kollha sabiex jattendu għal din il-ġurnata Marjana li għaliha nġabet apposta minn Fatima l-istatwa tal-Madonna. Il-Pellegrinaġġ mis-Santwarju Marjan tal-Madonna Ta' Pinu u li kien immexxi mir-Rettur Dun Gerard Buhagiar kien l-unika rappreżentanza mill-gżejjer Maltin għal dan l-avveniment storiku. Il-grupp li inkluda fih żgħażagħ, adulti, saċerdoti anzjani u anke persuni b'diżabilità ġarr l-istendard bix-xbieha tal-Madonna Ta' Pinu fl-okkażjonijiet kollha filwaqt li xi żgħażagħ ħejjew










flokkijiet bil-bandiera Maltija fuqhom flimkien ma' ritratti tal-Papa Franġisku u tal-Madonna Ta' Pinu. It-tema tal-ġurnata Marjana kienet 'Hienja dik li emmnet!'.

**Is-Sibt, 12:** Fil-5.00pm, il-pellegrini miġbura fi Pjazza San Pietru akkumpanjaw lill-Papa hu u jilqa' l-istatwa tal-Madonna Ta' Fatima u mexxa *Via Matris* bi ħsibijiet miktuba minnu stess. Fid-9.00 pm, il-grupp attenda għal Velja Marjana fis-Santwarju Ruman tad-*Divino Amore*. L-għada l-Ħadd, il-grupp ipparteċipa fil-Quddiesa Solenni li mexxa l-Q.T. Il-Papa Franġisku u li fi tmiemha huwa għamel l-Att tal-Konsagrazzjoni tal-Umanità lill-Verġni Marija. Il-pellegrinaġġ Marjan inkluda wkoll żjarat fis-Santwarji Marjani ta' Pompei fejn il-grupp kellu laqgħa mar-Rettur tas-Santwarju, l-E.T. Mons. Tommaso Caputo li għal xi żmien serva bħala Nunzju Apostoliku għal Malta, u Loreto fejn jingħad li l-Anġli ġarrew id-dar tal-Madonna.

**Is-Sibt, 12:** Fis-Santwarju tal-Madonna Ta' Pinu, saret l-inawgurazzjoni tas-Sena Soċjali tal-Azzjoni Kattolika ta' Għawdex 2013-2014. Iċ-ċelebrazzjoni fetħet b'diskors mis-Sur Antoine Vassallo, President Djoċesan tal-Azzjoni Kattolika segwit mir-reċita tar-Rużarju Mqaddes u Barka Sagramentali. Fis-6.30pm saret Quddiesa Konċelebrata li tmexxiet mill-E.T. Mons. Isqof Mario Grech flimkien mal-Assistenti Ekkleżjastiċi tal-Azzjoni Kattolika. Din iċ-ċelebrazzjoni kienet imxandra b'mod dirett fuq TVM2. Sar ukoll it-tesserament tal-membri tal-Azzjoni Kattolika b'mod kollettiv.

**Is-Sibt, 19:** Ġie amministrat is-Sagrament tal-Magħmudija liċ-ċkejken Roi Joseph Haber, iben Justin u Raquele Haber. Iċ-ċelebrant kien ir-Rettur Dun Gerard Buhagiar.

**L-Erbgħa, 23:** Patri Joe Xerri OFM Konv. mexxa Quddiesa ta' radd il-ħajr f'għeluq is-sebgħin (70) sena tas-Sinjura Loreta Rapa.

**Il-Ħadd, 27:** Grupp ta' nsara mill-Afrika animaw il-quddiesa tal-5.00 pm b'kant u żfin liturġiku-Afrikan. Din l-attività saret bħala parti mill-attivitajiet ta' Jum il-Missjoni.







**It-Tnejn, 28:** Il-Ministru għal Għawdex Anton Refalo żar id-dar ta' Karmni Grima, fejn intlaqa' mir-Rettur tas-Santwarju Fr. Gerard Buhagiar flimkien mas-sur Paul Curmi li spjegaw ix-xogħol ta' restawr li qed issir fuq id-dar ta' Karmni Grima u li issa qed joqrob biex jitlesta. Il-Ministru Anton Refalo tenna l-impenn tal-gvern li jippromwovi lil pajjiżna l-aktar Għawdex bħala destinazzjoni eċċelenti għal turiżmu kulturali u reliġjuż, niċeċ relattivament ġodda. Il-Ministru Refalo saħaq li l-Istrateġija Nazzjonali dwar it-turiżmu se tiddentifika pjan ċar għat-turiżmu f'Għawdex.

***Pellegrinaġġi*:**

**Il-Ħamis, 3:** Saret żjara lill-Madonna Ta' Pinu minn grupp ta' pellegrini mill-Belarus.

Fl-istess ġurnata, grupp ta' pellegrini Taljani għamlu pellegrinaġġ lejn is-Santwarju u iċċelebraw Quddiesa fil-Kappella tal-Madonna Ta' Pinu.

**Is-Sibt, 5:** Is-Superjura Ġenerali tal-Għaqda 'Ulied ta' Marija Awżiljatriċi' żaret is-Santwarju tal-Madonna Ta' Pinu biex trodd ħajr lil Alla f'għeluq il-ħamsin anniversarju minn meta din l-Għaqda waslet f'Għawdex.

**Il-Ġimgħa, 11:** Żjara lill-Madonna Ta' Pinu minn grupp ta' pellegrini mill-Ingilterra.

**L-Erbgħa, 16:** Żjara lis-Santwarju minn grupp ta' pellegrini mill-Provinċja ta' Bourgogne fi Franza.

**Il-Ħadd, 20:** Il-Grupp tal-Armar tal-Parroċċa ta' San Nikola fis-Siġġiewi organizza pellegrinaġġ lejn is-Santwarju tal-Madonna Ta' Pinu. Ġiet iċċelebrata Quddiesa mill-Arċipriet tal-istess Parroċċa.

Fl-istess ġurnata, saret żjara lill-Madonna Ta' Pinu minn grupp ta' Kummissarji tal-Art Imqaddsa tal-lingwa Taljana li kienu jinsabu f'Malta għall-Konvenju annwali tagħhom li din is-sena sar f'pajjiżna.

**L-Erbgħa, 23**: Pellegrinaġġ lejn is-Santwarju minn grupp ta' pellegrini mill-Ġermanja.

**Il-Ħadd, 27**: Sar pellegrinaġġ organizzat mill-Parroċċa tal-Madonna tal-Karmnu fil-Fgura.

## NOVEMBRU 2013:

**Il-Ġimgħa, 1**: Solennità tal-Qaddisin Kollha u għeluq it-63 sena mill-proklamazzjoni tad-Domma tal-Assunzjoni tal-Verġni Marija, titular tas-Santwarju. Fis-6.30pm ġiet iċċelebrata Quddiesa Solenni bil-prietka tal-okkażjoni.

**Il-Ħamis, 7**: Ħames Patrijiet Franġiskani Kappuċċini Maltin iċċelebraw Quddiesa ta' Radd il-Ħajr lil Alla u lill-Madonna Ta' Pinu fl-okkażjoni tal-irtir annwali tagħhom f'Għawdex.

Fl-istess jum, saret Ċelebrazzjoni tal-Kelma Ta' Alla mir-Retturi tas-Santwarji Marjani li jiffurmaw parti mill-*International Marian Shrines* f'għeluq il-Kungress li sar fis-Santwarju tal-Madonna tal-Vitorja fil-Mellieħa.



***Pellegrinaġġi*:**

**Is-Sibt, 2**: Tifkira Solenni tal-Erwieħ tal-Purgatorju. Sar pellegrinaġġ lejn is-Santwarju organizzat mix-Xirka tal-Isem Imqaddes ta' Alla tal-Mosta.

**Il-Ġimgħa, 15**: Żjara lis-Santwarju minn grupp ta' pellegrini mill-Ingilterra.

**Is-Sibt, 16**: Patri Donald Bellizzi OFM Konv., Kappillan tal-Ajruport Internazzjonali ta' Malta, iċċelebra Quddiesa ta' Radd il-Ħajr lil Alla fi tmiem ta' ġurnata irtir ma' numru ta' aspiranti vokazzjonali.

## DIĊEMBRU 2013:

**Il-Ħamis, 4**: Fr. Robert Farrugia iċċelebra Quddiesa ta' radd il-ħajr lil Alla f'għeluq il-75 sena tiegħu.

**Il-Ġimgħa, 6**: Ġiet iċċelebrata Quddiesa fil-Mużew 'Dar Karmni Grima' għall-membri tal-Prayer Group 'Madonna Ta' Pinu'. Il-Quddiesa kienet immexxija mir-Rettur tas-Santwarju Dun Gerard Buhagiar flimkien ma' Mons. Carmelo Gauci, Direttur Spiritwali ta' dan il-grupp. Din il-Quddiesa saret fl-okkażjoni tal-ftuħ mill-ġdid ta' dan il-Mużew.

**Is-Sibt, 7**: Fl-4.30pm saret iċ-ċerimonja tal-inawgurazzjoni uffiċjali tal-Mużew 'Dar Karmni Grima' mill-Onorevoli Dr. Anton Refalo LLD MP, Ministru għal Għawdex, u t-tberik tal-post mill-E.T. Mons. Isqof Mario Grech. Saru diskorsi tal-okkażjoni mir-Rettur tas-Santwarju Dun Gerard Buhagiar, mis-Sur Paul Curmi, mill-istoriku

Għawdxi Mons. Joseph Bezzina u mir-restawratur tal-pitturi ta' Joseph Briffa, Fr. Charles Vella. Diskorsi oħra saru mill-Onorevoli Dr. Ian Borg LLD MP, Segretarju Parlamentari fl-Uffiċċju tad-Deputat Prim Ministru għall-Presidenza tal-Unjoni Ewropea u l-Fondi Ewropej, l Onorevoli Dr. Anton Refalo LLD MP, Ministru għal Għawdex u l-E.T. Mons. Isqof Mario Grech. Dan il-proġett kien iffinanzjament mill-programm ERDF tal-Unjoni Ewropea. Il-Mużew qed jiftaħ għall-pubbliku mit-Tlieta sal-Hadd mid-9.00am sal-4.00pm.





**Il-Ħadd, 8:** B'deċiżjoni tal-Konferenza Episkopali Maltija, fl-Arċidjoċesi ta' Malta u fid-Djoċesi ta' Għawdex, illum ġiet iċċelebrata l-Liturġija tat-Tnissil bla Tebgħa tal-Verġni Imqaddsa Marija (L-Immakulata Kunċizzjoni) minflok il-Liturġija tat-Tieni Ħadd tal-Avvent. Filgħaxija, fis-6pm, sar Rużarju meditate fil-Kappella tal-Madonna Ta' Pinu.

**Il-Ħamis, 12:** Patri Mario Sant OFM Konv iċċelebra Quddiesa ta' Radd il-Ħajr fil-Kappella tal-Madonna Ta' Pinu f'għeluq is-37 anniversarju miż-Żwieġ ta' ommu u missieru.

**Il-Ġimgħa, 13:** Fis-Santwarju tal-Madonna Ta' Pinu, ġiet iċċelebrata s-Solennità tat-82 Anniversarju mill-Konsagrazzjoni tas-Santwarju. Is-Santwarju kien ikkonsagrat mill-E.T. Mons. Isqof Michele Gonzi fit-13 ta' Diċembru 1931. Fis-6.00 pm sar Rużarju fil-Kappella tal-Madonna Ta' Pinu filwaqt li fis-6.30 pm saret Quddiesa Kantata li matulha ġew irreċitati is-salmi tat-Tieni Għasar ta' din is-Solennità.

**Is-Sibt, 14:** Ġiet iċċelebrata Quddiesa ta' Radd il-Ħajr lil Alla għall-grazzja ta' fejqan ta' membru mill-familja Cini miż-Żebbuġ Għawdex. Iċ-ċelebrant kien il-W.R. Kan. Dun Reuben Micallef, Arċipriet tal-istess Parroċċa.

**Il-Ħadd, 15:** Illum ingħata bidu għan-Novena bi tħejjija spiritwali għas-Solennità tat-Twelid ta' Sidna Ġesù Kristu (Il-Milied). Fil-11.15am, fl-okkażjoni tal-Jum Internazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità, l-E.T. Mons. Isqof Mario Grech ippresieda Konċelebrazzjoni li matulha wassal messaġġ marbut ma' din il-ġurnata. Il-Liturġija kienet animata mill-Kor *Nativitas* immexxi mill-organista Ivan Attard. Din iċ-ċelebrazzjoni kienet organizzata mill-Fondazzjoni ARKA.

**It-Tlieta, 24:** Lejliet is-Solennità tat-Twelid ta' Sidna Ġesù Kristu. Fil-11.30 pm ingħata bidu għaċ-Ċelebrazzjoni tal-Lejl Qaddis tal-Milied bir-reċita tas-Salmi tal-Uffiċċju



tal-Qari u l-prietka tradizzjonali tat-tifel li din is-sena saret minn Charles Gambin. F'nofs il-lejl bdiet il-Konċelebrazzjoni Solenni tal-Lejl tal-Milied li tmexxiet mill-Kan. Dun Edward Vella assistit mir-Rettur tas-Santwarju Dun Gerard Buhagiar u Mons. Beneditt Camilleri.

**Il-Ħamis, 26**: Ġiet iċċelebrata Quddiesa mill-Kan. Dun Simon Sciberras li matulha sar talb speċjali għas-suffraġju tar-ruħ tal-għażiża ommu li għaddiet għall-ħajja ta' dejjem fl-1 ta' April 2013. Preżenti għal din l-Ewkaristija kien hemm uħud mill-familjari ta' Dun Simon Sciberras.

**Il-Ġimgħa, 27**: Sar ir-Rit tal-Preżentazzjoni taċ-ċkejkna Rachel Rapinett mill-ġenituri tagħha lill-Madonna Ta' Pinu. Għal din l-okkażjoni, ġiet iċċelebrata Quddiesa minn Fr. Alex Scerri, Karmelitan.



**Is-Sibt, 28**: Ġie amministrat is-Sagrament tal-Magħmudija lil Conor Keeman Debono, iben Eric u Alison Debono mill-Parroċċa ta' San Lawrenz. Iċ-ċelebrant kien ir-Rettur tas-Santwarju, Dun Gerard Buhagiar.

**It-Tlieta, 31**: L-aħħar jum tas-Sena Ċivili. Fis-6.30pm ġiet iċċelebrata Quddiesa li matulha tkanta t-*Te Deum* bħala ringrazzjament lil Alla għall-grazzji msawba fuqna bl-interċessjoni tal-Madonna Ta' Pinu matul is-sena 2013.

***Pellegrinaġġi*:**

**Il-Ġimgħa, 27**: Saret żjara lill-Madonna Ta' Pinu u Quddiesa mill-Komunità ta' San Blas, Malta, b'ringrazzjament lil Alla u lill-Madonna għal sena oħra ta' ħajja u ħidma tal-*Caritas Malta* b'riżq iż-żgħażagħ li ddeċidew li joħorġu mill-vizzju qerriedi tad-droga. Mexxa dan il-Pellegrinaġġ Mons. Karm Farrugia, Assistent Direttur ta' *Caritas Malta*.

**Il-Ħamis, 26**: Żjara minn membri tal-Grupp *Salvazzjoni* mill-Parroċċa ta' Santa Marija, il-Mosta.

Fl-istess jum, saret żjara lis-Santwarju minn grupp ta' pellegrini mill-Istati Uniti tal-Amerika.

**Il-Ġimgħa, 27**: Patri Joseph Zammit OSA mexxa Quddiesa għal grupp ta' pellegrini mill-Krakovja li kienu fuq btala f'Malta.

Fl-istess ġurnata, il-Patrijiet Franġiskani Kapuċċini għamlu żjara lill-Madonna Ta' Pinu biex iroddu ħajr lil Alla fl-għeluq tal-irtir tagħhom għas-sena 2013.


Programm
tal-Ġimgħa Mqaddsa
2014
fis-Santwarju Nazzjonali
tal-Madonna Ta' Pinu
Ħadd il-Palm - 13 t'April:
8.30 a.m. Tifkira tad-Daħla ta' Ġesu' f'Ġerusalemm
Ħamis ix-Xirka - 17 ta' April:
6.30 p.m. Ċelebrazzjoni Solenni tal-Ikla tal-Mulej.
8.00 p.m. Visti fl-Artal tar-Repożizzjoni
Il-Ġimgħa l-Kbira - 18 ta' April:
3.00 p.m. Ċelebrazzjoni tal-Passjoni u l-Mewt ta' Sidna Ġesu' Kristu.
Sibt il-Għid - 19 ta' April:
9.00 a.m. Is-Siegħa tal-Omm, Ċelebrazzjoni Marjana. Il-Knisja tingħaqad ma' Marija fi stennija tal-qawmien ta' Kristu. Imexxi l-Isqof ta' Għawdex, l-Eċċ Tiegħu Mons. Mario Grech.
8.30pm. VELJA TAL-GĦID IL-KBIR. Dan huwa l-aktar lejl importanti fil-ħajja tan-nisrani. In-nisrani jisħar fit-Talb sa ma' jsehh il-Qawmien ta' Kristu billi jiċċelebra l-Ikla tal-Għid, l-Ewkaristija.
ĦADD il-GĦID - 20 ta' April:
Quddies: 6.15am, 8.30am, 10.00am, 11.15am u 5.00pm


Is-Siegħa
tal-Omm
Ċelebrazzjoni Marjana
fis-Santwarju Ta' Pinu
Sibt il-Għid
19 ta' April 2014
9.00 a.m.
Imexxi Mons. Isqof Mario Grech
Xandira diretta fuq Radju Marija




# L-Għanja tal-Qaddejja
## (Il-21 Parti)

*Mill-ktieb ta' Bernard Häring, maqlub għall-Malti minn Francesco Pio Attard*

## Il-ħarba lejn l-Eġittu

"Meta telqu, deher anġlu tal-Mulej f'ħolma lil Ġużeppi u qallu: 'Qum, ħu miegħek lit-tifel u 'l ommu, u aħrab lejn l-Eġittu. Ibqa' hemm sa ma ngħidlek jien, għax Erodi sa jfittex lit-tifel biex joqtlu'. Ġużeppi qam, ħa miegħu lit-tifel u 'l ommu bil-lejl u telaq lejn l-Eġittu, u baqa' hemmhekk sal-mewt ta' Erodi, biex hekk iseħħ dak li kien qal il-Mulej permezz tal-Profeta, meta qal: 'Mill-Eġittu sejjaħt lil ibni'.

Erodi, imbagħad, meta ra li l-Maġi kienu daħku bih, inkorla bis-sħiħ, u bagħat joqtol f'Betlehem u fl-inħawi kollha tagħha lit-tfal subien kollha ta' minn sentejn 'l isfel, skond iż-żmien li sar jaf minn għand il-Maġi. Imbagħad seħħ dak li kien ingħad permezz tal-profeta Ġeremija, meta qal: 'F'Rama nstama' leħen, biki u lfiq kbir: Rakel tibki lil uliedha u ma tridx min ifarragħha, għax ma għadhomx iżjed'" (Mt 2:13-18).

Meta Marija u Ġużeppi jkollhom jaħarbu lejn l-Eġittu biex isalvaw il-ħajja tat-tarbija fl-art ta' l-eżilju, titwettaq il-profezija ta' Xmun. Dak li hu innoċenti, qaddis, isir sinjal ta' kontradizzjoni. Waqt li l-ġnus jiġu mill-bogħod biex ifittxuh, biex jithennew fil-preżenza tiegħu u joffru ruħhom għas-servizz tiegħu, Erodi, is-sultan tal-Lhudija, jipprova joqtlu u jsir, tabilħaqq, il-qattiel ta' ħafna trabi.

Providenza divina speċjali tħares lit-tarbija u lil ommha, u Ġużeppi jintgħażel biex ikun is-sinjal li jidher ta' dan il-ħarsien.

Il-Familja Mqaddsa tgħix mill-ġdid l-istorja tas-salvazzjoni li hi ġrajja ta' eżodu u ħelsien. Ġużeppi, il-patrijarka, inbiegħ minn ħutu u ttieħed ilsir lejn l-Eġittu biex sar il-feddej ta' ħutu. Il-patrijarka Ġakobb kellu jinżel l-Eġittu, u Mosè u l-poplu batew hemmhekk taħt jasar aħrax sakemm il-Mulej ħelishom mill-art tal-jasar.

Permezz tal-profeta Ħosegħa, Alla jsejjaħ lill-poplu tiegħu "ibni", għax fil-ħelsien ta' Israel Alla jaġixxi bħala Missier. "Meta kien tfajjel Israel, ħabbejtu, u mill-Eġittu sejjaħt lil ibni" (Ħos 11:1). Dan kollu jasal għal verità sħiħa f'Ġesù, li ma' Ġużeppi u ma' ommu jkollu jaħrab lejn l-Eġittu u jduq dan l-għemil ta' fidwa tal-Missier. Hu l-Iben il-maħbub, u safrattant hu jbati mal-maħqurin, ma' min hu bla dar, u ma' l-ippersegwitati.

Tul ħajjitna aħna rajna miljuni ta' nies f'kull parti tad-dinja jitkeċċew minn art



twelidhom. Miljuni oħrajn huma emigranti qed ifittxu xogħol u biċċa ħobż biex jieklu. L-ebda ktieb ma jista' jiġbor fih il-miżerja u l-umiljazzjoni kollha mġarrba minnhom. Ħalli jiftakru fl-esperjenza ta' Ġużeppi u Marija u Ġesù fl-Eġittu. Ħalli jduru lejn Marija fil-ħtiġijiet tagħhom, u jduqu l-imħabba tal-Missier tas-Sema. Jekk Ġesù ħa fuqu dan l-eżodu ta' tbatija, ħaddieħor m'għandux iqisu bla sens. U madankollu aħna nkunu nweġġħu lill-Familja Mqaddsa li ħarbet lejn l-Eġittu biss jekk nissimpatizzaw ma' dawk bla dar, mal-miljuni ta' nies li qed jgħixu fil-kampijiet jew li jkollhom jaħbu l-identità tagħhom għax ħadd ma jridhom.

L-Iskrittura ma tgħidilniex Marija saritx taf bil-massakru ta' Betlehem, imma l-ħsieb ta' possibbiltà bħal din żgur li kien f'Marija u Ġużeppi tul iż-żmien li għamlu fl-Eġittu. Meta reġgħu lura fl-art tal-Galilija semgħu b'dan u b'ħażen ieħor li għamel Erodi; min jaf kemm kienu kbar il-ħniena u t-tbatija tal-qalb bla tebgħa tagħha. Tabilħaqq il-profezija ta' Xmun baqgħet dejjem magħha.

*Alla kollok qaddis,*
*it-toroq tiegħek ta' l-għaġeb;*
*l-għerf tiegħek 'il fuq*
*mill-ħsibijiet umani kollha tagħna.*
*Aħna rroddulek ħajr*
*li permezz tat-tbatija ta' Ġesù,*
*ta' Marija u ta' Ġużeppi*
*fl-art ta' l-eżilju,*
*int ġibt il-fidwa lit-tbatija terribbli*
*ta' dawk li huma mġarrbin,*
*maħqurin u bla dar.*
*Għalihom aħna nitolbu,*
*biex ma jbatux għalxejn b'xejn*
*u biex il-karba tagħhom tinstema'.*

*O Marija, aħna nitolbu lilek,*
*l-Omm tas-Sokkors Perpetwu.*
*Jalla dawk kollha li jemmnu,*
*jitgħallmu mill-ġenerożità tiegħek;*
*jalla l-mexxejja kollha tad-dinja*
*jweġġħu lil Alla,*
*il-Missier Waħdieni,*
*billi jagħtu iżjed kas ta' dawk*
*li huma mwarrbin,*
*waħidhom u bla dar.*
*Itlob għalina biex nitgħallmu*
*x'inhi l-ħniena,*
*u ngħaqqdu l-għemejjel tagħna*
*fis-servizz ta' dawk*
*li huma l-iktar fil-ħtieġa.*
*Amen.*♦



# Grazzi, Omm tiegħi tas-Sema...

## Ottubru - Diċembru 2013

**Informazzjoni miġbura minn Edward Depasquale**

**AMERIKA:** Bajada Agnes, Buhagiar Bernarda, Buttigieg Paul, Galea Joseph & Juliett.

**ASIA:** Chan Hau Drake, Chan Yao Daniel, Ilhap Food Liap, Kenkou, Soh Md.

**AWSTRALJA:** Cauchi Daniela, Cutajar Mr. & Ms., Debono Doris, Grech Clement, Groom Paula, Mifsud Mary, Tabone Carmelo, Vella Elvin, Vella Raimone, Xuereb Joe, Xuereb Tereza.

**EWROPA:** Andre & Yolanda, Felennery Carmen, Green Gwen, Grewal Gurjit, Kellenher Mary, Marway Kuljit, Texier Jeannine.

**GHAWDEX:** Attard Antoinette, Attard Chris, Attard Jack, Attard Lina, Attard Roza, Attard Silvana, Axiak Margaret, Axiaq Loreta, Azopardi Rozaria, Azzopardi Connie, Azzopardi Frances, Azzopardi Josephine, Azzopardi Karmena, Azzopardi Maria, Azzopardi Rosaria, Azzopardi Zareno, Bajada Lucy, Borg Grace, Borg Joseph, Buttigieg Carmen, Buttigieg Family, Buttigieg Ganna, Buttigieg Gracy, Buttigieg Joseph, Buttigieg Maria, Buttigieg Rosemarie, Calleja Jane, Camilleri George, Camilleri Gracy, Camilleri Josephine, Camilleri Mary Anne, Camilleri Silvana, Carabott Jennifer, Caruana Anne, Caruana Josephine, Cassar Lorainne, Cauchi Eugenio, Cauchi Jessica, Cauchi Josette, Cauchi Pauline, Cini Antonia, Debono Maria, Debono Marianne, Debrincat Karista, Demicoli Familja, Farrugia Lina, Formosa Maria, Galea Anthony, Gatt Nina, Gauci Anthony, Gauci Josephine, Gauci Sam, Grech Anna, Grech Josephine, Grech Mr. & Ms. P, Grech Rose, Grima Anne, Grima Virginia, Hili Cecilja, Josette, Mercieca Antonella, Mercieca Mary Rose, Mifsud Pauline, Mizzi Guzepp, Mizzi Stefania, Muscat Antida, Muscat Joseph, Muscat Maria, Muscat Mario, Muscat Rita, Portelli Aaron, Portelli Jane, Portelli Maria, Refalo Rosaria, Said Antoinette, Said Grace, Saliba Chris, Saliba Moira, Saliba Sarah, Sammut Joseph, Scicluna Antonia, Spiteri Tarcisia, Sultana Angelique, Sultana Frangiska, Sultana Ivan, Sultana Liza, Sultana Loreta, Sultana Mario, Tabone Anna, Tabone Gina, Tabone Remona, Tabone Rita, Vella Doreen, Vella Guzi, Vella Rita, Vella Toni, Xerri Stilla, Xuereb Ganni, Xuereb Tania, Zammit Fredu, Zammit Marija.

**MALTA:** Abela Ben, Abela Joseph, Agius Carmelo, Agius Doris, Aquilina Carmen, Arrigo Robert, Attard Amanda, Attard Karmnu, Attard Michelle, Axisa Ninu, Azzopardi Giovanni, Baldacchino Guza, Baldacchino Maria, Bellizzi John, Bonnici Mary Anne, Borg Catherine, Boubet Carmen, Briffa Anthony, Brincat Mary, Brincat Nathalie, Bugeja Familja, Bugeja George, Buhagiar Rita, Busuttil Lucy, Butgeja Familja, Cachia Josephine, Cachia Victoria, Camilleri Kiana, Carabott Margaret, Cardona Miriam, Caruana Damien, Caruana Maria, Cassar Carmela, Cassar Felix, Cassar Louis, Cassar Salvina, Cassar Theresa, Castanio Vivienne, Castillo Simon, Casuchi Carmelo, Catania Cettina, Charmaine, Chircop Carmelina, Cilia Familja, Cini Antonia, Cini Roberta, Conti Philip, Cuschieri George,

(Ikompli f'paġna 36)



# Preżentazzjoni tat-Trabi lill-Madonna Ta' Pinu

miġbura minn Edward Depasquale

**Ottubru - Diċembru 2013**

**AMERIKA:** Comstock Lorfan.

**EWROPA:** Jasggi Analis, Wright Leo Thomas.

**GHAWDEX:** Camilleri Valentina, Cassar Louisa, Falzon Nathan, Grima Jade, Mifsud Elena, Mizzi Josepha, Simoncic Lucas.

**MALTA:** Abela Zven, Alejandro Diego, Aquilina Emma, Azzopardi Gabriella, Bezzina Logan, Bonavia Coralie, Bonello Nedved, Bonello Nelaya, Borg Abigail, Borg Bowan, Bugeja Betty, Bugeja Karla, Bugeja Megan, Cachia Nathaniel, Calleja Keilaud, Camileri Zaya, Camilleri Amy, Camilleri Ella, Camilleri Estelle, Camilleri Madeline, Cappara Michela, Cardona Mattea, Cassar Neill, Ciappara Kurt, Ciappara Zach, Debattista Luigi, Debono Luca, Debono Luke, Enriquez Julia, Falzon Francesco, Farrugia Elena, Farrugia Faye, Farrugia Luca, Gauci Xavier, Gili Zendaya, Grech Benjamin, Gutiza Hason Lee, Haber D'Alfonso Louise, Hamilton Sasha, Kenely Mark, Micallef Kayden, Micallef Martina, Mintoff Jesus, Muscat Pirotta Adaya, Pace Luke, Pace Vella Denzel Lee, Psaila Matthew, Rapinett Rakel, Refalo Ella, Scerri Emma, Scerri Raphael, Scicluna Adam, Scicluna Adon, Scicluna Sam, Scicluna Shelzin, Tonna Jerome, Vella Ben, Vella Elyza, Vella Neil, Yousuf Stephanie, Zammit Mardeo.

---

(ikompli minn paġna 35)

## Grazzi, Omm tiegħi tas-Sema

Cutajar Clifford, Cutajar Domnic, Cutajar Marlene, Debattista Ronnie, Debono Carmel, Drago Familja, Drago, Farrugia Fr Robert, Farrugia John, Farrugia Rosemarie, Fenech George, Formosa Emma, Galea Anthony, Galea charles, Galea Marlene, Galea Paul, Gatt Raymond, Gatt Victoria, Gauci Marija, Gerada Frances, Gina, Giordmania Ms. Grech Familja, Grima Anton, Grima Brigida, Haber Familja, Haivon Josephine, Kenely Chris, King Michael, Laferla Tarcisio, Lofaro Carmen, Magro Gordon, Magro Gorgina, Mallia Chalie, Mallia Kathy, Mallia Vincent, Mamo Marie, Mangion Claire, Mercieca Carmelo, Mercieca Maria, Mercieca Vivienne, Micallef Josephine, Micallef Marlene, Micallef Sonia, Mifsdu Familja, Mifsud John, Mifsud Maria, Mintoff Alex, Montebello Carmelo, Naudi Anne Marie, Pace Carmel, Pace Lina, Paris Franceska, Piscopo Susan, Piscopo Susan, Portelli Mary, Powell Familja, Puli Mary, Reitano Carol, Rita, Salina Maria, Sammut Dolores, Sammut Tereza, Sant Maria, Schembri Charlotte, Scicluna Familja, Soler Fr., Spiteri parnis Nick, Sultana Alfred, Sultana M'Anne, Tanti Familja, Theuma Emanuel, Vasallo Marianne, Vassallo Doris, Vassallo Jane, Vassallo Joe, Vella Charmaine, Vella Henry, Vella Rodienne, Xuereb Adriana, Xuereb Cettina, Xuereb George, Zammit Marion, Zarb Margaret.

# PROĠETT BIEX TA' PINU ikompli jkun post aħjar għal Serħan il-Qalb



## PARKEĠĠ



## MISTERI TAR-RUŻARJU fuq iz-Zuntier



## ĊENTRU TAL-VIŻITATURI



## DAR TAL-IRTIRI

**AGĦTI SEHMEK permezz ta' tad-donazzjoni tiegħek**
**lis-Santwarju Ta' Pinu jew fil-kont fl-APS Bank**
**"TA' PINU SANCTUARY - PILGRIMS CENTRE - Nru: 2000120410l**
**jew IBAN: MT46APSB77035001336920001204101**


Via Sagra Djoċesana
fuq l-Għolja
Ta' Għammar
immexxija minn
Mons. Mario Grech,
Isqof ta' Għawdex
Il-Ħadd,
6 ta' April 2014
6.30 p.m.
Xandira diretta
fuq Radju Marija
Ħsibijiet mibnija
fuq it-tagħlim tal-Papa Franġisku
NEWSPAPER POST